MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 67/2003

**Avviz Numru 67/03 AJD**
**Louis u Susan mizzewgin Conti**

**vs**

**Adrian Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500.00), rapprezentanti danni volontarji kawzati mill-konvenut fil-karozza proprieta` ta' l-atturi ta' l-ghamla Honda Civic HAU 276. Dan l-incident gara f'Hal Qormi, Triq l-Imdina, fl-24 ta' Frar 2002. L-konvenut interpellat ihallas id-danni baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-ammont pretiz mill-atturi huwa esagerat stante illi l-hsara sofferta minnhom hija ferm anqas.
2. Illi il-konvenut ukoll huwa kreditur ta' l-atturi ta' somma rappresentanti ukoll hsarat volontarji kommessi mill-atturi lill-konvenut fil-vettura tieghu liema somma tifforma l-mertu ta' l-annessa kontro-talba.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-Kontro-Talba prezentata mill-konvenut fejn huwa talba li l-atturi jigu ikkundannati jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagionati minnhom meta dolozament ghamlu hsara volontarja fuq il-vettura tal-konvenut Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni BIG-002.
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba fejn l-atturi eccepew is-segwenti:
Illi l-ammont pretiz mill-atturi huwa korrett u skond valutazzjoni ta' *surveyor;* Illi l-atturi m'humiex responsabbli ghall-hsarat minimi li setghu saru waqt il-kolutazzjoni li grat waqt l-aggressjoni tal-konvenut; illi t-talba hija vessatorja stante li hija assolutament minima. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Louis Conti, Susan Conti, ta' Joe Buttigieg, tal-Ispettur Raymond D'Anastasi u ta' PS 160 Mario Mifsud. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda danni volontarji kagunati mill-konvenut fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU 27***6****,* liema vettura hija proprieta` tal-atturi. Mill-provi rrizulta li fl-24 ta' Frar 2002, waqt li din il-vettura kienet regolarment parkeggata fi Triq Mdina, Hal Qormi, il-konvenut kien ghaddej mill-imsemmija triq bil-vettura tieghu akkompanjat minn xi hbieb u familjari, nizel mill-vettura tieghu u waddab gebel fuq il-vettura tal-atturi u ta daqqiet ta' sieq fuq l-istess vettura. Mix-xhieda tas-surgent li investiga l-

kaz, PS 160 Mario Mifsud, jirrizulta li d-danni fil-vettura proprieta` tal-atturi kienu estensivi. Dan jirrizulta ukoll mir-rapport tas-*suveyor* inkarigat mill-atturi liema rapport jinsab esebit a fol 24 tal-process. Is-surveyor Joe Buttigieg ikkonferma l-kontenut ta’ dan ir-rapport imhejji minnu fix-xhieda tas-7 t’April 2003. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li d-danni riskontrati minnu fil-vettura imsemmija kienu kompatibbli ma’ atti ta’ vandalizmu. Dan jirrizulta ukoll mir-ritratti esebiti mill-attur (a fol 22).

Illi fl-imsemmi *survey report* hemm indikat li d-anni fil-vettura tal-atturi jammontaw komplessivament ghal Lm1692.82. L-attur esebixxa wkoll kopja ta’ stima rigwardanti l-prezz tal-*parts* li jridu jinbidlu (a. fol 23). L-attur spjega li huwa ma kienx ghadu effetwa t-tiswijiet necessarji stante li ma kellux il-flus biex jaghmel dan. L-atturi irriducew it-talba taghhom ghal Lm1500.00 ghal finijiet ta’ kompetenza.

Illi l-Ispettur Raymond Anastasi fix-xhieda li ta fis-seduta tat-28 t’April 2003 spjega li l-konvenut kien ammetta li huwa kien ikkawza il-hsarat fil-vettura proprieta` tal-atturi izda l-istess Bonello kien qallu wkoll li l-attur Louis Conti kien ikkawzalu danni fil-vettura tieghu meta waddab gebla fuq il-*windscreen.* Dan jirrizulta wkoll mir-risposta u mit-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn huwa jirritjeni li hemm lok ghal tpacija.

Illi t-Tribunal jissolleva ‘*ex ufficio’* l-inkompetenza tieghu ‘*rationae materiae’* sabiex jiddeciedi dwar il-kontro-talba tal-konvenut stante li l-istess konvenut naqas milli jindika l-ammont pretiz minnu bhala danni u talab biss il-likwidazzjoni tad-danni. Din it-talba certament ma taqax taht il-parametri tal-Artikolu 3(2) tal-Kap. 380. Isegwi ghalhekk li ma tistax issir it-tpacija li qed jitlob il-konvenut fir-Risposta. Inoltre jrid jigi rilevat li l-konvenut nonostante li inghata l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu, naqas milli jaghmel dan. Mill-provi rrizulta inekwivokabilment li l-hsarat fil-vettura tal-atturi gew kawzati mill-konvenut kiif ukoll li l-attur waddab il-gebla fuq il-vettura tal-konvenut in linea ta’ difiza peress li dan tal-ahhar kien qed jaghti bis-sieq fuq il-bieb tad-dar tal-atturi.

It-Tribunal jidhirlu li t-talbiet attrici rrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenut stante l-inkompetenza tieghu ‘rationae materiae’ sabiex jiddeciedi dwar din it-talba, billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------